## "BUONA PASQUA!"

*Ta'* Ġużè Borg Pantalleresco

*Lil Dr. Frederick Fenech*
*u lis-Sinjura tiegħu Mary Rose*

Irġajna
qegħdin naraw iż-żahar
għan-naħal
ibexxaq fommu
biex iroddilna l-għasel bnin
mil-lewn id-deheb zikkin
għax il-Għid:
L-istaġun tal-ħajja u tal-poeżija.
Il-ħolqien
donnu jrid igħanni melodija
lill-Missier ta' kulħadd
bi gratitudni.
Fl-entużjażmu ta' dal-ġmiel
fuq ħaddejja
inħoss demgħa ta' ferħ
taqa' minn għajnejja;
u minn qalbi,
jasal fuq fommi l-kant
li f'dan il-Għid qiegħed inwasslilkom
u bi kliem ħelu zokkor
ippruvajt ninsġilkom.

* * *

J'Alla Mary Rose,
issib f'qalbek, ta' mħabba teżori kbar;
u int Frederick,
fuq fommha ssib il-ħlewwa
li n-naħal isib fiż-żahar!

6 ta' April, 1958.

## SPAZJU

*Ta'* Vincent Caruana

Fuq qabar Fonzu l-oħxon niesu naqqxu
Dal-kliem "Biex jimla l-post fis-sema tela',
Li lest għalih, w għalina f'din id-dinja
Hu ħalla vojt li ma jerġax jimtela".



# REĊENSJONIJIET

**"LACORDAIRE"** maqlub għal Malti minn Patri V. V. Barbara, O.P., A. C. Aquilina & Co., Editur, Valletta, 1958. Paġ. 88.

Mir-raħal ċkejken ta' Recy-sur-Ource għall-unur kbir tal-Akkademja Franċiża f'medda ta' 59 sena, ma hix ġrajja ordinarja u min isehħlu jtemmha jistħoqqlu ġieħ kbir, imma Patri Lacordaire jgħaġġibna mhux biss għall-għerf li kellu biex mexa hekk 'i quddiem malajr, iżda għalihila li wera biex sebaq tant twegħir u għawġ sakemm laħaq fejn laħaq.

Patri Lacordaire ma' tul ħajtu ġarrab ix-xejriet u t-taqlibiet li qanqlu 'l Franza mis-sisien qodma tagħha, ħawduha, qalbuha u tawha sura ġdida. Fi ċkunitu Dun Nerik kellu mnejn jara l-aħħar tferfir tar-rivoluzzjoni Franċiża li 'd-dell tagħha kien għadu ma għabx taħt id-dawl tal-glorji ta' Napuljun. Wara l-waqgħa ta' l-Imperatur tala' r-Re li mbagħad għamel post għar-Repubblika u din tneħħiet mill-Imperatur l-ieħor.

Ma' tul dan it-taqlib kollu ta' Franza, Dun Nerik Lacordaire sar Patri Dumnikan ta' San Duminku, daħal fil-politika, kien maħtur Membru tal-Assemblea Kostitwenti u laħaq Provinċjal tal-Ordni Dumnikan għal aktar minn darba. Fuq kollox kellu x-xorti li jkun l-ewwel Patri li jinħatar Membru tal-Akkademja Franċiża, dik il-għaqda tant għolja u onorata li ssejjaħ 'l Membri tagħha immortali għax isimhom ma jintesa qatt.

Din il-ħajja ta' Patri Lacordaire, hekk imqallba u mlewna, offriet kamp wiesgħa lill-iskrittiċi Ingliża, Miss M. V. Woodgate, biex tikteb bijografija interessanti u istruttiva, li nqrat bi profitt minn eluf ta' nies. Issa Patri Valentin Barbara qaleb għal Malti dan il-ktieb ta' Woodgate u jidher li hu kien imqanqal biex jagħmel dan mhux biss mill-ġibda li għandu għal-letteratura Maltija, imma wkoll mill-għoġba li jħoss għal Patri Dumnikan bħalu.

Patri Barbara mhux kittieb ġdid fil-qasam tal-letteratura tagħna, hu akkwista isem fost il-poeti tagħna, imma hu magħruf ukoll għall-proża tiegħu, proża sħiħa, sabiħa, għalliema, bla tlellix żejjed, imma mirquma bil-gost u bis-sengħa.

Patri Valentin indaħal mhux biss bid-dehen, iżda wkoll bir-ruħ biex għamel din it-traduzzjoni li hi ħafifa, ċara u ħajja u għalkemm fidila forsi tfisser aktar mill-oriġinal il-personalità ta' Patri Lacordaire għax it-traduttur bħala Dumnikan u bħala meridjonali, aktar jagħraf jidħol fil-fehma u fil-ħsieb tal-personalità u aktar iħoss l-influss tal-ambjent fejn għax u ħadem Patri Lacordaire.

Hemm wisq aktar x'wieħed igħid dwar dan il-ktieb ġdid ta' Patri Barbara, iżda aħna nħallu lil qarrejja jagħtu l-fehma tagħhom wara li jaqrawh, u aħna żgur li l-fehma tagħhom tkun ta' tifħir u ta' ħajr lil Patri Valentin Barbara.

G.